MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 223/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. G. Azzopardi)**

**Vs**
Omissis
Stephen Galli

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fix-xhur ta' qabel it-13 ta' Ottubru, 2002, f'Malta :**
**1) xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa w cioe' gizirana tad-deheb, liema gizirana giet mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhal biex ibieghhom jew imexxihom;**

**2) talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenza hija definittiva w li ma tistax tigi mhassra kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279, 334, 28A u 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas z-zmien illi huwa ghamel f'arrest preventiv u rrakkomandat illi l-appellant isegwi program ta' rijabilitazzjoni kontra d-drogi minn hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Mejju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tieghu tat-tieni akkuza w fejn gie lliberat mit-tielet akkuza ta' recidivita', izda tirrevoka l-piena tieghu w taghtih piena aktar ekwa w gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti tat sentenza harxa wisq meta tatu sentenza ta' sena prigunerija. Huwa minnu li l-appellant kellu diversi antecedenti izda f' dan il-kaz partikolari kellu diffikultajiet kbar minnhabba l-fatt li l-persuna li serqet il-gizirana kienet martu . F' kaz normali wiehed kien idealment jirraporta l-kaz lill-Pulizija meta jiskopri li l-oggetti li kellu fil-pussess kienet misruqa(Sic!) izda dan mhux kaz normali, kien kaz fejn martu kienet involuta fis-serqa. B' hekk kien naturali li l-appellant jkollu diffikolta' li jirraporta l-kaz lil Pulizija. Fil-fatt il-ligi stess tara li hemm cirkostanzi fejn ir-ragel jista' ma jixhedx fil-Qorti kontra l-mara tieghu. Illi kien hemm ko-operazzjoni piena minn-naha taz-zewg imputati, b' mod specjali l-appellant, li kien hu li gab lill-Pulizija l-gizirana. Illi l-fatt li kien dipendenti fuq id-droga hija rrilevanti f' dan il-kaz ghaliex kienet il-mara tieghu li serqet il-gizirana sabiex taghthielu bhala rigal. Ma kienetx

insterqet sabiex l-appellant jiffinanzja d-droga jew haga ohra.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-uniku aggravvju li ghandu l-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti**

**Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999],** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali ghar-reat ta' ricettazzjoni ta' oggetti gejjin minn serq, kienet applikabbli l-piena ghar-reat tas-serq skond il-valur u skond l-artikolu 279(a), il-piena massima fejn il-valur tal-oggett misruq ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000) setghet addirittura kienet wahda ta' tlitt snin prigunerija.**

Illi s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellant fil-*"plea in mitigation of punishment"* forsi kien ikollhom xi valur kieku l-appellant ma kellux il-fedina penali refrattarja li ghandu. Di fatti kif ghadha kif appena rrilevat din l-istess Qorti fis-sentenza taghha tal-10 t' Awwissu, 2006, mill-1984 'l hawn l-appellant gie kundannat minn dawn il-Qrati mhux inqas minn disgha darbiet - apparti dan il-kaz u f' xi kawzi ohra pendenti – fuq akkuzi serji bhal ma huma dawk ta' serq, tentattiv ta' serq, pussess ta' droga cannabis u eroina, falsifikazzjoni ta' dokumenti, hsarat f' cella ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u sewqan bla licenzja w insurance. U ghalkemm l-Ewwel Qorti ma

sabitx lill-appellant hati tal-addebitu tar-recidiva, meta wiehed iqis l-antecedenti penali tieghu, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti kienet diga altru miti fl-applikazzjoni tal-piena erogata fil-konfront tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi dan l-uniku aggravju tal-appellant qed jigi respint u konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------